

31992R0396

L 44/9

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

20.2.1992

**IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 396/92**  
**tat-18 ta' Frar 1992**  
**li jirrigwarda l-klassifika ta' ċerti oġġetti fin-nomenklatura magħquda**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 <sup>(1)</sup> dwar in-nomenklatura tat-tariffi u statistika u t-Tariffa Doganali Komuni, kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 3694/91 <sup>(2)</sup>, u b'mod partikolari Artikolu 9 tiegħu,

Billi sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi tan-nomenklatura magħquda annessa mar-Regolament imsemmi, huwa meħtieġ li jiġu adottati miżuri li jirrigwardaw il-klassifika tal-oġġetti riferiti fl-Anness ma' dan ir-Regolament;

Billi r-Regolament (KEE) Nru 2658/87 stabbilixxa r-regoli ġenerali sabiex tiġi interpretata n-nomenklatura magħquda u dawn ir-regoli japplikaw ukoll għal kull nomenklatura oħra li hija fl-intier tagħha jew f'parti minnha msejsa fuqha jew li żżid kull subdiviżjoni addizzjonali magħha u li hija stabbilita b'dispożizzjonijiet speċifiċi Komunitarji, bil-ħsieb li jiġu applikati l-miżuri tat-tariffi jew miżuri oħra li għandhom x'jaqsmu mal-kummerċ fl-oġġetti;

Billi, skond ir-regoli ġenerali msemmija, l-oġġetti deskritti fil-kolonna 1 tat-tabella mehmuża mar-Regolament preżenti jridu jiġu klassifikati skond il-kodiċijiet approprjati tan-NM indikati fil-kolonna 2, bis-saħħa tar-raġunijiet dikjarati fil-kolonna 3;

Billi l-miżuri pprovvduti f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat tan-Nomenklatura,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-oġġetti deskritti fil-kolonna 1 tat-tabella mehmuża huma issa kklassifikati ġewwa n-nomenklatura magħquda taħt il-kodiċijiet approprjati tan-NM indikati fil-kolonna 2 tat-tabella msemmija.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-21 jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, fit-18 ta' Frar 1992.

*Għall-Kummissjoni*

Christiane SCRIVENER

*Membru tal-Kummissjoni*

<sup>(1)</sup> ĠU L 256, tal-10.9.1987, p. 1.

<sup>(2)</sup> ĠU L 350, tad-19.12.1991, p. 17.

## ANNEX

Id-Deskrizzjoni tal-oġġetti	Kodiċi tal-Klassifika tan-NM	Ir-Raġunijiet
(1)	(2)	(3)
<p>1. Sistema li timmultipleksja fil-għamla ta' unità ċentrali, li tikkonsisti minn tliet ċirkwiti stampati mgħammra bi <i>transformer</i> u komponenti diskreti u ibridi u serje ta' sub-unitajiet L-unità li timmultipleksja tgħin li jiġu trasmessi numru ta' sinjali differenti fl-istess waqt permezz tal-istess fil Din is-sistema, li tiġi mgħammra fuq il-vetturi ċivili tal-ajru sabiex tipprovdi t-tagħrif u d-divertiment lill-passiġġieri, tippermetti lil kull passiġġier li jisma' permezz tal-<i>earphones</i> lil kull waħda minn numru ta' kanali.</p>	8517 81 90	Il-Klassifika hija stabbiltà bid-dispożizzjonijiet tar-regoli ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-nomenklatura magħquda, kif ukoll bit-testi tal-kodiċijiet tan-NM 8517, 8517 81 u 8517 81 90
<p>2. Apparat elettroniku li jitwaħħal u li jimultipleksja fl-għamara tiegħu stess li jgħin li jsiru konnessjonijiet multipli bejn punti differenti tal-konnessjoni ta' <i>network</i> tal-kompjuterijiet Jagħmel użu mit-teknoloġija diġitali sabiex jikkonċentra l-informazzjoni u jgħaqqad numru ta' kurrenti ta' informazzjoni f'kurrent wieħed li jiġi trasmess bil-linja. Is-sinjali li jiġu rċevuti fuq linja waħda huma, min-naħa tagħhom, imqassma f'numru ta' linji tat-trasmissjoni.</p>	8517 82 00	Il-Klassifika hija stabbiltà bid-dispożizzjonijiet tar-regoli ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-nomenklatura magħquda, kif ukoll bit-testi tal-kodiċijiet tan-NM 8517 and 8517 82 00.
<p>3. Vettura (ta' 180 ċm tul, 87 ċm wisa' u 100 ċm għoli) b'magna tal-petrol <i>four-stroke</i> u ta' ċilindru wieħed (bil-kapaċità ta' ċilindru 400 ċm<sup>3</sup>) tikkonsisti essenzjalment minn delu ta' tagħbija ta' 400 kg, u mgħammra b'mezz manwali tal-ħatt bil-qlib u kontrolli u ktajjen tal-mixi tal-lastiku. Għandha piż mingħajr it-tagħbija ta' 250 kg, massimu tal-veloċità ta' 6,8 km/h u tiżviluppa potenza ta' 5,37 kw. Il-vettura għandha tliet gerjiet 'il quddiem u wieħed bir-rivers. Hija maħsuba għalbiex tittrasporta u tarmi f'munzelli l-ħamrija, ir-ramel, eċċ. fil-biċċa l-kbira fuq il-postijiet fejn ikun qiegħed isir il-bini.</p>	8704 10 19	Il-Klassifika hija stabbiltà bid-dispożizzjonijiet tar-regoli ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-nomenklatura magħquda, kif ukoll bit-testi tal-kodiċijiet tan-NM 8704, 8704 10 u 8704 10 19 Għar-raġunijiet tad-disinn tagħha, b'mod partikolari l-preżenza kemm tad-delu u kemm tal-ktajjen tal-lastiku biex timxi, u l-post konsegwenti tal-użu din il-vettura ma tistax tiġi kkunsidrata li trid tiġi koperta bil-kodiċi tan-NM 8709.
<p>4. Vettura ġdida (ta' 255 ċm tul, 108 ċm wisa, 128 ċm għoli) b'magna tal-petrol <i>four-stroke</i> ta' ċilindru wieħed (bil-kapaċità ta' ċilindru ta' 400 ċm<sup>3</sup>), li essenzjalment tikkonsisti minn sodda-qiegħ ċatta rrinfuzata li tista' tiġi maqluba b'mezzi idrawliċi bix-tiebi fit-tarf ta' wara u fuq kull waħda miż-żewġt iġnub, tgħabbi 800 kg, għandha post tas-sewwieq għall-beraħ bil-kontrolli u l-ktajjen tal-lastiku għall-mixi. Għandha veloċità massima ta' 8,7 km/h, erba' gerjiet 'il quddiem u tlieta fir-rivers. Hija maħsuba għalbiex tittrasporta u tarmi f'munzelli l-ħamrija, r-ramel, eċċ. fil-biċċa l-kbira fuq il-postijiet fejn ikun qiegħed isir il-bini.</p>	8704 31 91	Il-Klassifika hija stabbiltà bid-dispożizzjonijiet tar-regoli ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-nomenklatura magħquda, kif ukoll bit-testi tal-kodiċijiet tan-NM 8704, 8704 31 u 8704 31 91 Għar-reġuni tad-disinn tagħha, u b'mod partikolari l-preżenza kemm ta' sodda-qiegħ li tista' tinqaleb, u l-post konsegwenti tal-użu din il-vettura ma tistax tiġi kklassifikata taħt l-intestatura 8709. Il-versalità u l-konstruzzjoni kkomplikata tas-sodda-qiegħ li tinqaleb jipprevjenu milli dan l-oġġett jiġi kkunsidrat bħala tagħar għar-rimi kopert bil-kodiċi tan-NM 8704 10.
<p>5. Sistema li tieqaf għal rasha li tgħin lill-operatur joħloq suriet f'żewġ dimensjonijiet jew tlieta fuq liżar. Ma għandha l-ebda funzjoni oħra u ma tistax tiġi pprogrammata għal applikazzjonijiet oħra għajr id-disinn grafiku megħjun bil-kompjuter.</p> <p>Tikkompreni l-komponenti li ġejjin:</p> <ul style="list-style-type: none"> <li>— unità tal-proċessar, li tinkludi mikro-proċessur, proċessur tal-grafika u memorja ddedikata,</li> <li>— kontrolli, bħalma huma tastiera, <i>mouse</i> u tasti tal-funzjonijiet u tabella żgħira grafika,</li> <li>— unità tal-wiri viżwali ("liżar stereoskopiku")</li> </ul>	9017 10 90	Il-Klassifika hija stabbiltà bid-dispożizzjonijiet tar-Regoli Ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-nomenklatura magħquda, bin-Nota 4 mat-Taqsima XVI, in- Nota 5 B mal-Kapitolu 84 u n-Nota 3 mal-Kapitolu 90, kif ukoll bit-testi tal-kodiċijiet tan-NM 9017, 9017 10 and 9017 10 90. Dan il-prodott ma jistax jiġi kklassifikat taħt il-kodiċi tan-NM 8471 għaliex iwettaq "funzjoni speċifika" it-tifsira tan-nota 5 B mal-Kapitolu 84.